**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-28 ta' Jannar 2022**

**Kaz. Nru; 184-73**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francis Abela**

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Francis Abela** bin Nikola u Catherine xebba Barbara imwieled Gudja nhar it-18 ta' Marzu, 1961 residenti gewwa 75, Ave Maria, Dawret il-Gudja, Gudja u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 196361M, akkuzat talli;

Nhar il-5 ta' April 2020 ghal habta ta' 14:40hrs fl-inhawi tal-Qrendi u f'dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hek kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jewipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda affidavit ta' PC789 M. Said; Fiona Burows u Carl Cauchi. Min-naha taghha, d-difiza, ghazlet li ma tressaq l-ebda prova.

Illi in linea preliminari d-difiza talbet ghall-liberazzjoni tal-imputat galadarba hemm diskrepanza bejn id-data indikata minn PC789 M. Said fl-affidavit tieghu meta mqabbla mad-data indikata fl-okkorenza bhala 'incident date'. Dina l-Qorti osservat u kkonfermat dina d-diskrepanza madanakollu hija tal-fehma li dan bl-ebda mod ma jaffettwa d-data abbinata mal-imputazzjonijiet hekk kif gew dedotti fic-citazzjoni. L-imputazzjonijiet odjerni gew dedotti b'referenza ghal-5 ta' April 2020. Fiona Burrows fix-xhieda taghha tikkonferma li l-osservazzjoni min-naha taghha li wasslet ghall-proceduri odjerni saret fil-5 ta' April 2020. Fl-affidavit tieghu PC789 jikkonferma bil-gurament li ghalkemm beda l-indagini tieghu fit-22 ta' Awwissu 2020, l-allegat insib kien sehh fil-5 ta' April 2020. Ghalkemm l-*incident date* fuq l-okkorenza li gie ezebiet flimkien mal-affidavit tindika d-data tat-22 ta' Awwissu 2020, il-kontenut tal-istess okkorenza jaghmel referenza ghall-fatt li l-allegat agir sehh fil-5 ta' April 2020. Jidher ukoll li l-affidavits gew notifikati lill-imputat li kellu d-dritt tal-kontro-ezami tax-xhud, u cioe' tal-Kuntistabbli Said. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda diskrepanza u li s-sustanza tal-provi kollha tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghall-istess data indikata fic-citazzjoni u cioe' il-5 ta' April 2020.

Fir-rigward tal-mertu tal-imputazzjonijiet, Fiona Burrows bil-gurament tikkonferma li nhar il-5 ta' April 2020, u cioe waqt stagun maghluq ghall-insib

hekk kif ikkonfermat ukoll mis-Sur Cauci in rapprezentanza ta' Wild Bird Regulations Unit, hija kienet ma kollega taghha (Patricia Molina Garcia) tosserva sit ta' insib gewwa l-Qrendi. Hija spjegat, anke hekk kif jirrizulta mill-filmat li gie pprezentat, li f'dan is-sit kien hemm ix-xibka, liema xibka kienet imdawwra b'numru ta' ghasafar fil-gabjetti. Vicin hafna l-istess xibka setgha jigi osservat ragel gewwa dura ghassa l-hin kollu mal-istess xbieki. Ix-xhud f'hin minnhom osservat lil dan il-persuna johrog minn gewwa d-dura u jigbor l-ghasafar, jaghlaqhom f'ghalqa li kienet fil-vicin u jimxi 'l boghod mill-istess sit. Ix-xhud gharfet ukoll lill-imputat bhala l-persuna li kien fid-dura dakinhar.

Fid-dawl ta' dak li nghad iktar 'il fuq u anke mill-filmat ezebiet jirrizulta indubbjament li kien hemm attivita' ta' insib b'mod attiv fuq is-sit in kwistjoni. L-uniku fattur li qed jigi kkontestat mid-difiza hija l-identifikazzjoni tal-imputat fuq dak is-sit in kwistjoni. Fir-rigward tal-identifikazzjoni tan-nassab in kwistjoni dina l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni:

1. Fiona Burrows, spjegat li l-kollega taghha kienet marret sabiex tara x'karozzi kien hemm ipparkjati fil-vicinanzi. Wahda minn dawn il-karozzi kienet vettura bin-numru ta' registrazzjoni LIN-234. Wara li l-persuna li kienet qed tonsob telqet minn fuq s-sit, jidher li l-kollega taghha osservat lil dan l-istess persuna jidhol fil-vettura hawn fuq imsemmija. Sussegwentament, Fiona Burrows tikkonferma li hija rat l-imsemmija vettura tielqa minn fuq il-post. Fil-fatt il-filmat juri lil din il-karozza tielqa minn fuq il-post filwaqt li l-persuna li kienet qed tigbed il-filmat instemghet tghid: "*I saw one car leave that <u>could have</u>*[1] *been him*". Ix-xufier li kien qed isuq dina l-vettura ma kienx identifikabbli. Huwa importanti li jigi nnotat li Patricia Mollina Garcia ma tressqitx bhala xhud f'dawn il-proceduri. Min-naha taghhom il-pulizija jikkonfermaw li huma rcevew rapport flimkien ma filmat minghand il-CABS u minn hemm huma bdew bl-investigazzjonijiet taghhom. Il-pulizija jispjegaw li huma mill-istess filmat raw il-vettura LIN-234 titlaq minn fuq il-post. Fl-ebda hin il-pulizija ma jikkonfermaw bil-gurament li mill-investigazzjonijiet taghhom irrizulta li l-imsemmija vettura hija rregistrata f'isem l-imputat. Lanqas ma tressaq rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixhed f'dan ir-rigward. Lanqas ma setgha jigi accertat la mill-filmat u lanqas mill-pulizija minn kien effettivament qed isuq din il-vettura (galadarba s-sid tal-vettura jista' jaghti l-kaz li ma kinitx qed tuza l-imsemmija vettura dakinhar). Mill-affidavit tal-pulizija ma jirrizultax x'wassalhom biex jikkonkludu li l-qua

[1] Emfazi ta' dina l-Qorti.

imputat kien effettivament il-persuna li kien fuq is-sit tal-insib. Fid-dawl ta' dak kollu li nghad (partikolarment fin-nuqqas tax-xhieda ta' Patricia Molina Garcia) fil-fehma ta' dina l-Qorti ma hemm l-ebda prova sufficjenti li tipprova li l-imputat odjern kien effettivament ix-xufier tal-vettura LIN-234 u li l-imsemmi xufier tal-vettura LIN-234 kien effettivament in-nassab fuq is-sit in kwistjoni.

2. Tenut kont dak li nghad iktar 'il fuq l-unici provi rimanenti f'dan ir-rigward mressqa mill-prosekuzzjoni hija xhieda ta' Fiona Burrows li fil-Qorti waqt it-testimonjanza taghha identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien fuq is-sit tal-insib in kwistjoni jonsob u l-filmat ezebiet mill-istess xhud.

F'diversi sentenzi il-Qrati Maltin rritenew li meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod kostanti segwew bhala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliza fil-kaz R vs. Turnbull[2].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality*

[2] Court of appeal 1977 – QB244

*is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Mill-provi mressqa jidher li x-xhud Burrows osservat lill-imputat fid-dawl tax-xemx u mhux ghal ftit minuti izda ghal sieghat. Jirrizulta ukoll li l-imputat hareg mid-dura f'mumenti minnhom u propju hemmhekk huwa hares diversi drabi fid-direzzjoni tal-*camera* u cioe' fid-direzzjoni fejn kienet qeghda x-xhud. F'dawn il-mumenti wiccu ma kienx mghoti bl-ebda mod. Ghalkemm ghaddew diversi xhur mill-akkadut, Fiona Burrows tigi msejjha sabiex tixhed quddiem il-Qrati b'mod frekwenti u hija ben konsapevoli tal-importanza tal-identifikazzjoni fl-awla tal-imputat. Dina l-Qorti setghet tapprezza d-*demeaner* li xehdet bih is-Sinjura Burrows specjalment il-mument li fih identifikat lill-imputat. Kien evidentissimu li is-Sinjura Burrows ma hadditx dan l-ezercizzju b'mod legger. Dina l-Qorti ma jirrizultawliex ragunijiet l-ghalxiex tiddubita mill-verzjoni mghotija mix-xhud Fiona Burrows.

Di piu jigi osservat ukoll li Fiona Burrows ezebiet in atti l-filmat li hija gibdet dakinhar. Il-Qorti gharblet dan il-filmat mill-liema jirrizulta li kien hemm mumenti fejn l-imputat hares lejn il-camera (hekk kif inghad iktar 'il fuq), fl-liema mumenti wiccu ma kien mghoti bl-ebda mod u ghaldaqstant jintgharaf. Isegwi ghalhekk li, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-prosekuzzjoni, irnexiellha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-qua imputat kien effettivament il-persuna li qed jipprova jiehu l-ghasafar protetti fis-sit u d-data indikata fic-citazzjoni, cioe fi stagun maghluq, u li hekk kif jidher car mill-filmat ghamel dan billi uza lixki ta' ghasafar protetti.

Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a); 7(1)(i); u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed issib lil qua imputat, Francis Abela, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 2000. Fin-nuqqas ta' hlas tal-imsemmija multa dina tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur